MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2010

Citazzjoni Numru. 59/2010

**Lewis magħruf bħala Louis Xuereb**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2010 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

1. Illi fl-att tat-twelid bin-numru progressiv 2029 tas-sena 1939 liema att jirreferi għat-twelid tal-istanti, Lewis Xuereb, nhar is-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u disa' u tletin (1939), kopja ta' liema att tinsab hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A, l-isem tal-esponenti huwa ndikat bħala 'Lewis';

2. Illi fl-imsemmi ċertifikat, fil-kolonna *'Ismijiet mogħtijin'* u *'Names given'*, hemm indikat l-ismijiet 'Lewis Pubblju', filwaqt li fil-kolonna *'Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa'* u *'Name or names by which the child is to be called'*, hemm indikat l-isem 'Lewis';

3. Illi l-esponenti minn dejjem kien magħruf, kemm mal-membri tal-familja tiegħu kif ukoll ma' terzi persuni oħra li jafuh, li jismu Louis u mhux Lewis, hekk kif indikat u għalhekk jidher li l-indikazzjoni tal-isem tal-esponenti fiċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu hija waħda erronja u għandha tiġi korretta;

4. Illi l-esponent għandu interess biex l-att tat-twelid *sopra* indikat jiġi korrett sabiex jirrifletti l-istat attwali skond kif jiddisponi l-artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi tant l-attur jissejjaħ u huwa magħruf bħala Louis, illi fuq il-passaport tiegħu, ismu huwa ndikat bħala Louis u b'hekk tqanqlet anke diffikulta għal dan id-dipartiment minħabba l-inkonsistenza fil-mod kif jidher l-isem meta l-attur mar biex iġedded il-passaport tiegħu għas-snin li ġejjin;

6. Illi l-attur huwa hekk indikat ukoll f'atti ċivili oħra li huwa kien parti fihom s'issa;

Għaldaqstant, ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 2029 tal-1939, liema att jirreferi għat-twelid tar-rikorrent Xuereb, fis-sens li fil-kolonna intestata *"Ismijiet mogħtijin"* l-isem *"Lewis"* jiġi sostitwit bl-isem *"Louis"*;

2. Tordna lill-intimat jagħmel l-opportuni korrezzjonijiet;

3. Tiddikjara li r-rikorrent kien dejjem magħruf bl-isem *“Louis”*.

4. Illi, l-bdil affettwat fl-att tat-twelid mertu ta’ dawn il-proċeduri, għandu jiġi rifless f’kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess attur u dan *ai termini* tal-artikolu 253 (3) tal-Kodiċi Ċivili tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet kontra l-istess konvenut li minn issa hu nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-16 ta’ Frar 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigħ tal-kawża, b’ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jiddikjara li huwa mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat, b’hekk huwa jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f’għajnejn il-liġi. F’dan l-istadju l-esponenti umilment jissolleċita lir-rikorrenti sabiex iressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew jippreżenta affidavits biex jikkonfutaw it-teżi tiegħu ossia li tul ħajtu huwa kien konsistentement msejjaħ bl-isem li jinkiteb *’L-O-U-I-S*’ u mhux bl-isem li jinkiteb *’L-E-W-I-S’*;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, ir-raba’ talba tar-rikorrenti inkwantu tirreferi għal atti tal-istat ċivili oħra apparti l-att tat-twelid numru 2029/1939 hija insostenibbli *ai termini* tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta sakemm ir-rikorrenti ma jispeċifikax in-numru u s-sena relattivi tal-atti tal-istat ċivili li għalihom qed jagħmel riferenza;

4. Illi mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħed jiġi nġunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tat-28 ta' Mejju 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-artikolu 254 saret debitament.

It-talba attriċi hija ġustifikata biss fis-sens li peress li l-attur tista' tgħid minn dejjem kien magħruf bl-isem Louis u kwindi hemm lok li maċ-ċertifikat tat-twelid tiegħu jiġi debitament korrett. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għall-iżball għaliex kien missier l-attur stess li għamel id-dikjarazzjoni relattiva u għalhekk u m'għandhux ibati spejjeż. Il-Qorti wkoll, kif sewwa eċċepixxa l-konvenut ma tistax tilqa' t-tielet talba għaliex l-attur ma specifikax liema huma l-atti li jrid jikkoreġi *oltre* dak tat-twelid tiegħu.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, *eccetto* t-tielet talba, billi fejn huwa ndikat ismu jitniżżel Louis minflok Lewis <u>fl-att tat-tweild tiegħu indikat minnu fir-rikors promotur</u>; l-ispejjeż tal-kawża jithallsu mill-istess attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------